# QORTI TA'L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**ONOR.IMHALLEF**

**EDWINA GRIMA LL.D.**

Appell Civili Numru. 1354/2010

**INTEGRATED PROJECT SOLUTIONS LIMITED C-41318**

**VS**

**PIERRE u PAULA konjugi BALZAN (ID Nos.268668M u 125469M rispettivament) u b'digriet tat-12 ta' Ottubru 2011 giet kjamata in kawza is-socjeta Melita Marine Limited (C-24026)**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza preliminari tal-11 ta' Jannar, 2013, fejn it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*It-Tribunal,*

*Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsuha s-somma ta' tliet elef, mitejn u hamsa u erbghin Ewro (€3,245) jew somma ohra verjuri rapprezentanti hlas dovut mill-konvenuti lis-socjeta' attrici ghal servizzi professjonali rezi relattivament ghall-fond 11,Triq il-Kommunikazzjoni, San Pawl tat-Targa l/o Naxxar, liema servizzi gew ipprestati mis-socjeta' attrici lill-konvenuti fuq inkarigu tal-istess konvenuti, bl-ispejjez tal-prezenti u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-istess ismijiet prezentat fit-8 ta' Lulju, 2010 u tal-ittra ufficjali skond il-procedura kontemplata fl-artikolu 166A tal-Kap 12 li ggib in-numru 1997/2010 u bl-imghax legali mit-8 ta' Novembru, 2009 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.*

*Ra r-risposta tal-konvenuti, li permezz taghha eccepew illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, u dan stante nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u l-istess konvenuti eccipjenti.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ra r-rikors tas-socjeta' attrici datat 10 ta' Ottubru 2011, li permezz tieghu intalbet il-kjamata in kawza tas-socjeta' Melita Marine Limited; ra d-digriet datat 12 ta' Ottubru, 2011 li permezz tieghu din it-talba giet milqugha.*

*Ra r-risposta tas-socjeta' kjamata in kawza, li permezz taghha eccepiet illi l-azzjoni attrici fil-konfront tas-socjeta' eccipjenti kjamata in kawza hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li preskritta ai termini tal-artikolu elfejn mija u tmienja u erbghin (2148) subinciz (e) tal-Kodici Civili, Kapitolu sittax (16) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.*

*Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.*

*Semgha t-trattazzjoni.*

*Ikkunsidra,*

*Illi din is-sentenza tittratta dwar l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuti.*

*Illi in forza ta' din l-azzjoni, l-attur qed jitlob hlas minghand il-konvenuti tal-ammont ta' tliet elef mitejn u hamsa u erbghin Ewro (€3,245.00) li skond il-fattura li tinsab a fol. 21 tal-atti, jirraprezenta hlas ghal servizzi professjonali rezi mis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' xoghol li kien qed jigi mwettaq gewwa proprjeta' f'San Pawl tat-Targa. Illi minn tali fattura jirrizulta n-natura tas-servizzi li gew ipprestati mis-socjeta' attrici, liema servizzi gew rezi principalment mill-Perit Chris Falzon, li kien direttur tal-istess socjeta' attrici. Illi dan tal-ahhar kellu jissorvelja xogholijiet li kienu qed jigu mwettqa fil-fond proprjeta' tal-konvenuti, liema xogholijiet kienu qed jigu mwettqa minn diversi persuni, inkluz persuni inkarigati mill-istess socjeta' attrici. Illi skond dan ix-xhud, ix-xogholijiet ta' ristrutturar li kellhom isiru f'dan il-fond gew imwettqa u kompletati, u ghalhekk is-socjeta' attrici talbet il-hlas ghas-servizz li rrendiet.*

*Illi l-konvenut, da parti tieghu, jsostni illi kienet is-socjeta' Melita Marine Limited - li giet kjamata in kawza - li inkarigat is-servizzi tas-socjeta' attrici, u li ghalhekk hu u martu – fil-kwalita' personali taghhom – ma kellhom ebda konnessjoni mas-socjeta' attrici. Iddikjara li hu direttur fi hdan is-socjeta' kjamata in kawza, filwaqt illi martu hija azzjonista fi hdan l-istess socjeta'. Illi kkonferma wkoll illi l-proprjeta' fejn gew imwettqa x-xogholijiet, u liema xogholijiet kienu qed jigu sorveljati minn persuni impjegati mas-socjeta' attrici, u cioe' il-fond gewwa San Pawl tat-Targa, hija proprjeta' personali tieghu u ta' martu. Mistoqsi jekk kienx wettaq xi hlas lis-socjeta' attrici, jghid li iva, u li jaf li kien fadal xi pendenzi mal-istess socjeta' attrici.*

*Ikkunsidra,*

*Illi l-fatturi li giet ipprezentata mis-socjeta' attrici datata 8 ta' Novembru, 2009 hija indirizzata lil Melita Marine Limited, ghall-attenzjoni tal-konvenut Pierre Balzan. Illi minkejja f'dan, l-ittra ufficjali ai temini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (a fol.90 tal-atti) li giet intavolata mis-socjeta' attrici datata 8 ta' Lulju, 2010, hija indirizzata lill-konvenuti personalment. Illi in forza tar-risposta taghhom, datata 21 ta' Lulju, 2010 (a fol.92 tal-atti), il-konvenuti kkontestaw l-ammont dovut in bazi ghall-fatt illi s-socjeta' attrici ma ottemperatx ruhha mal-obbligi kontrattwali taghha.*

*Illi mill-atti processwali ma jidhirx illi giet iffirmata ebda skrittura mill-partijiet kontendenti in rigward is-servizzi li s-socjeta' attrici kellha tirrendi. Illi kull ma jirrizulta huwa li kien hemm skambju regolari ta' e-mails bejn il-Perit Chris Falzon, ghan-nom tas-socjeta' attrici, u z-zewg konvenuti, li permezz taghhom is-socjeta' attrici kienet qed taghti rendikont dwar li kien jigri lill-konvenuti, filwaqt illi dawn tal-ahhar kienu jaghtu konferma dwar xogholijiet li riedu li jigu mwettqa. Illi minn dawn l-e mails ma jirrizultax min fil-fatt inkariga s-servizzi tas-socjeta' attrici, u in bazi tal-fattura li nharget f'isem is-socjeta' kjamata in kawza jidher illi kienet din tal-ahhar li nkarigat is-servizzi tas-socjeta' attrici; madanakollu, din il-fattura jidher illi giet imfassla fuq l-istima li tinsab a fol. 37 tal-atti, fejn din tal-ahhar hija indiriizata lill-konvenut personalment.*

*Illi ghalkemm jidher illi gie mwettaq hlas lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizzi li gew ipprestati minnha, ebda wiehed mill-partijiet ma elabora dwar kif gie mwettaq tali hlas – jekk hux fi flus kontanti jew b'xi mezz iehor – u minn min.*

*Illi ghalkemm il-provi li gew imressqa mill-partijiet dwar din l-eccezzjoni ftit li xejn jitfghu dawl fuq ma' min sar il-ftehim originarjament, madanakollu, u tenut kont tal-fatt illi l-proprjeta' fejn kien mehtieg li jigu mwettqa x-xogolijiet hija proprjeta' personali tal-konvenuti, u l-istima relattiva ghas-servizzi li kienu ser jigu pprestati mis-socjeta' attrici nharget f'isem il-konvenut – li da parti tieghu, fl-e mails li gew skambjati mal-Perit ma ghamel ebda referenza ghall-fatt illi kienet is-socjeta' kjamata in kawza li kienet qed tinkariga s-servizzi tas-socjeta' attrici – iwassal lil dan it-Tribunal ghall-konkluzjoni illi effettivament kienu l-konvenuti fil-kwalita' personali taghhom li nkarigaw is-servizzi tas-socjeta' attrici, u mhux is-socjeta' kjamata in kawza, partikolarment ladarba ix-xogholijiet u servizz li kienu qed jigu rezi, kienu unikament u esklussivament ghall-beneficcju tal-konvenuti, fil-kwalita' personali taghhom, u mhux ghall-beneficcju tas-socjeta' kjamata in kawza. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi huwa rilevanti wkoll il-fatt illi meta l-konvenuti kkontestaw it-talba tas-socjeta' attrici permezz tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Lulju, 2010, u anke fl-e mails li permezz taghhom is-socjeta' attrici kienet qedha titlob il-hlas ghas-servizzi rezi, ma sar ebda accenn ghall-fatt illi ma kienet tezisti ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet, u li t-talba tas-socjeta' rikorrenti kellha tigi rivolta fil-konfront tas-socjeta' Melita Marine Limited, u kien biss meta giet intavolata din l-azzjoni illi tali kontestazzjoni giet issollevata.*

*Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jirrespingi l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni guridika sollevata mill-konvenuti.*

*Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti li m'humiex il-legittimi kontradditturi stante nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrci u l-istess konvenuti, jordna l-proseguiment tas-smiegh tal-kawza.*

*Jirrizerva li jipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali.'*

Illi l-appellanti Pierre u Paula konjugi Balzan appellaw mill-imsemmija sentenza essenzjalment fit-termini tal-aggravju li jikkoncerna apprezzament zbaljat tal-provi li wassal lit-Tribunal sabiex erronjament ikkonsidra provi sekondarji u mhux il-prova regina u cioe' il-fattura innifisha li kienet inharrget f'isem is-socjeta Melita Marine Limited. Dan wassal sabiex giet michuda l-eccezzjoni sollevata mill-appellanti illi huma ma kenux il-legittimi kontradditturi f'dina l-istanza. Dan ghaliex jilmentaw illi mill-atti kellu ikun evidenti illi huma qatt ma kienu ikontrattaw mas-socjeta appellata f'isimhom proprju. Kellu ikun irrilevanti ghat-Tribunal illi l-istima inharrget f'isem l-appellanti f'ismu proprju u li x-xogholijiet twettqu fil-proprjeta personali tieghu u dan meta wasal sabiex irrigetta l-eccezzjoni sollevata, *invece* it-Tribunal kellu jistrieh unikament fuq il-fattura mahruga li hija l-uniku indikattrici dwar min hu obbligat ghal hlas versu il-kreditur.

Illi mill-istruttorja jemergu is-segwenti fatti mhux messi in kontestazzjoni. Illi l-istima mahruga originarjament mis-socjeta appellanti fir-rigward tax-xogholijiet li kellhom isiru kienet intestata f'isem l-appellanti Pierre Balzan f'ismu proprju. Illi x-xogholijiet li kellhom isiru kienu ser jigu esegwieti fil-fond proprjeta tal-konjugi Balzan. Illi it-trattativi dwar l-andament tax-xoghol mas-socjeta appellata kienu dejjem isiru mill-konjugi Balzan fuq nota personali u mhux in rappresentanza ta' xi socjeta kummercjali. Illi l-fattura finali esebieta in atti

inharrget fuq isem is-socjeta Melita Marine Limited, socjeta kummercjali gestita mill-appellanti Balzan, li taghha huwa direttur u martu hija azzjonista.

Illi fis-sentenza Mirabel Distributors Limited vs Emanuel Zammit[1], dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet in konnessjoni ma' dan il-punt procedurali:

**"Saru frekwenti il-kawzi fejn persuna azzjonata ghal hlas titrincera ruhha wara l-eccezzjoni li ma hiex il-legittimu kontradittur. Kif gie osservat "certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubbju pero' wiehed kellu jippresumi illi l-persuna li qed tikontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju" – Lawrence Formosa et. ne vs Silvio Felice, Appell 6 ta' Ottubru 1999.**

Issokta jigi sostenut illi "**biex ikun diversament kien jispetta lill-appellanti li jipproducu provi konklussivi in sostenn tal-pretensjoni taghhom proprju biex jistabilixxu illi dak li kellu jigi** ***prima facie*** **prezunt mic-cirkostanzi materjali li fihom sar in-negozju …… ma kienux jirrispekkjaw il-verita' ghaliex fil-verita' n-negozju kien sar ma' haddiehor" – "John Vella nomine –vs- Anthony sive Mario Anthony Vella et", Appell, 3 ta' Dicembru 1999. Bhal fil-kaz tal-konkluzjoni raggunta fid-decizjonijiet fl-ismijiet "Joseph Chetcuti nomine -vs- Peter Paul Camilleri", Appell, 4 ta' Dicembru 1988; "Anthony Caruana et –vs- John Magro et", Appell, 6 ta' Ottubru 1999, u l-ohrajn referenzjati fihom, "din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut ma rnexxilux jipprova sodisfacentement li hu mhux obbligat personalment li jhallas il-kreditu tas-socjeta' attrici. Fi kliem iehor ma jirrizultax sodisfacentement li meta l-konvenut innegozja mas-socjeta' attrici 'a tempo vergine' hu gab a konjizzjoni taghha li hu kien qieghed jixtri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' u li din is-socjeta' biss kienet obbligata ghal hlas.**" (sottolinjar tal-Qorti)

[1]App. Inf. 16/12/2002

Illi għalkemm soċjeta kummerċjali għandha personalita ġuridika distinta minn dik ta'l-azzjonisti u id-diretturi tagħha, madanakollu neċessarjament hija rapprezentata minn persuna fiżika u kwindi dik il-persuna għandha l-obbligu tavża lil kull min qiegħed jikkontratta magħha illi ma hijiex qiegħda taġixxi bħala persuna fiżika, iżda fil-vesti tagħha ta' rapprezentant ta' personalita' ġuridika oħra u cioe' għan-nom ta' kumpanija. Dana il-piż ma jaqax fuq l-ispalla ta' min qed jikkontratta ma' dina l-persuna billi hu għandu kull dritt jemmen, fin-nuqqas li jingħata informazzjoni differenti, li qiegħed jinnegozja mal-persuna li għandu quddiemu. Illi t-Tribunal fis-sentenza tiegħu ikkonkluda illi kien hemm provi ċirkostanzjali evidenti matul il-kontrattazzjonijiet bejn l-appellanti u s-soċjeta appellata illi dawn kienu qed jaġixxu f'isimhom proprju u mhux in rappresentanza ta' xi soċjeta kummerċjali. Hija biss l-fattura finali, li inħarrġet f'isem is-soċjeta kummerċjali ġestita mill-appellanti. Ma jidhirx illi l-appellanti qatt ġibdu l-attenzjoni tas-soċjeta appellata illi huma kienu qed jidhru għan-nom ta' xi soċjeta kummerċjali, anzi kien evidenti li x-xogħolijiet li kienu qed isiru kienu sabiex tiġi ammeljorata id-dar privata tagħhom u li dawn l-attivitajiet ma kenux konnessi ma' xi negozju ta' natura kummerċjali. Meta saret l-ittra uffiċjali ai termini ta'l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellanti reggħhu naqqsu milli jiġbdu l-attenzjoni tas-soċjeta appellanti għal dan in-nuqqas proċedurali ferm importanti.

Illi fuq kollox kien jispetta lill-appellanti li iressqu provi konvinċenti u konklussivi sabiex isostnu l-eċċezzjoni tagħhom billi fl-ewwel lok iressqu il-prova dwar l-eżistenza ta' din is-soċjeta kummerċjali u dwar in-natura tan-negozju ġestit minnha. Għalhekk il-fatt waħdu illi inħarrġet fattura f'isem soċjeta kummerċjali u mhux f'isem l-appellanti, waħedha mhijiex prova bizzejjed sabiex twassal għal konkluzjoni illi n-negozju sar ma' Melita Marine Limited u mhux mal-appellanti f'isimhom personali. Mill-analiżi tal-provi akkwiżiti, u bħala punt ta' liġi, l-Qorti għalhekk issib fuq il-bilanċ tal-

probabblita illi l-appellanti ma irnexxielhomx igibu prova rassikuranti, soda u soddisfacenti ghal konvinciment ta' din il-Qorti illi n-negozju mertu ta' din il-kawza sar mas-socjeta kjamata in kawza u mhux maghhom personalment u li huma kienu infurmaw lis-socjeta appellata ghaldaqstant. Fuq kollox mill-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet ghandu ikun indubitat illi l-atteggjament ta'l-appellanti, li kienu qed jidhru li qed jagixxu f'isimhom proprju, kien jammonta ghal rikonoxximent tad-dejn ghaliex wiehed ma jistax jippretendi illi jaccetta illi jaghmel il-pagament dovut meta hemm l-inesistenza tal-kreditu fil-konfront tieghu[2]. Tali accettazzjoni sahansitra ghandha l-effett li tinterrompi kwalsiasi perijodu ta' preskrizzjoni ghall-ezercizzju tal-azzjoni gudizzjarja.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad l-appell interpost u tikkonferma is-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-appellanti. Tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti biex hemm tkompli tigi trattata u definita l-kawza fuq il-mertu taghha u fl-ambitu tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati.

(ft)Edwina Grima

Imhallef

Vera Kopja

Franklin Calleja

Deputat Registratur

---

[2] Ara dokument a fol.24 u 26